**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 t'Ottubru, 2015**

**Avviz Nru: 316/2003 MLF**

**Classic Group Limited**

**Vs**

**Panta Marketing & Services Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici li talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata sabiex, fi zmien qasir u perentorju illi ghandu jigi stabbilit u prefiss minn dina l-Qorti, tesegwixxi a spejjez tas-socjeta' konvenuta dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali necessarji fil-'passenger lift' tal-marka "Felesa" minnha mibjugha lis-socjeta' attrici u istallat fl-istabbiliment tal-istess socjeta' attrici "Diamonds International", 291 Republic Street, Valletta, partikolarment skond kif tali xogholijiet rimedjali kienu gew minnha identifikati u indikati fl-ittra datata 26 ta' Gunju, 2002 (Dok. "X") mibghuta lis-socjeta' attrici in segwitu ghall-ftehim milhuq bejn is-socjeta' konvenuta u bejn l-istess socjeta' attrici fid-29 ta' Mejju, 2002, ghal liema ftehim hemm riferenza fl-imsemmija ittra, sabiex l-imsemmi 'passenger lift' ikun jista' jiffunzjona skond kif intiz, u dan okkorrendo taht id-direzzjoni u s-supervizzjoni ta' periti nominandi; u fin-nuqqas, m'ghandhiex l-istess socjeta' attrici tigi awtorizzata minn dina l-istess Onorabbli Qorti sabiex tesegwixxi l-istess xogholijiet rimedjali hija stess, okkorrendo taht id-direzzjoni u s-supervizzjoni tal-istess periti nominandi, a spejjes tas-socjeta' konvenuta – b'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lis-socjeta' attrici kontra s-socjeta' attrici naxxenti mill-imsemmi

ftehim tad-29 ta' Mejju, 2002 u b'mod partikolari ghad-dritt tas-socjeta' attrici li tirritorna l-'passenger lift' odjern lis-socjeta' konvenuta f'kaz illi l-istess 'passenger lift' ma jibqax jopera minghajr problemi sinifikanti tul l-ewwel tliet xhur wara li jkunu gew esegwiti r-riparazzjonijiet mehtiega.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Panta Marketing & Services Limited fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament din l-Qorti m'ghandhiex kompetenza rationae materiae stante illi talba bhal dik dedotta mis-socjeta' attrici fil-kawza odjerna hija unikament kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, izda wkoll in linea preliminari, din l-Qorti m'ghandhiex kompetenza rationae valoris stante illi jekk qatt kellhom isiru l-allegati riparazzjonijiet tal-'passenger lift' mertu tal-kawza odjerna, dawn zgur li kienu in ogni kaz jammontaw ghall-inqas minn elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) u ghaldaqstant il-kompetenza hija dik Tribunal ghat-Talbiet Zghar;
3. Illi subordinatament, izda minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni hija intempestiva stante n-nuqqas assoluta ta' interpellazzjoni qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna;
4. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti m'hijiex il-legittima kuntraddittrici. Jigi sottomess illi, di piu' ma tezisti ebda rabta guridika bejn il-partijiet stante illi kontrarjament ghal dak allegat mis-socjeta' attrici, qatt ma kien hemm ftehim bejn il-partijiet ghall-proprja funzjoni u jew manutenzjoni tal-'lift' mertu ta' din il-kawza, u sahansitra qatt ma kien hemm bejgh jew konsenja ta' kwalunkwe 'lift' jew apparat iehor mis-socjeta' konvenuta lill-istess socjeta' attrici, b'dan illi qatt ma kien hemm negozju ta' kwalunkwe tip bejn il-partijiet u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici;
5. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma jezisti l-ebda ftehim datat 29 ta' Mejju, 2002.

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici hija debitrici tas-socjeta' konvenuta ghall-somma ferm verjuri minn dik ekwivalenti ghall-prezz tal-allegati xogholijiet mertu ta' din il-kawza, u ghal liema ammont gja giet intavolata l-kawza opportuna mis-socjeta' konvenuta;
7. Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghal premess, kwalunkwe xoghol li qatt seta' sar mis-socjeta' attrici, sar sew u skond is-sengha u l-arti u fuq struzzjonijiet tas-socjeta' attrici stess;
8. Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta dejjem kienet disposta bhala sinjal ta' buona volonta' illi teffettwa xi xogholijiet fil-'lifts' mertu ta' din il-kawza, u jekk gew sofferti xi danni minhabba n-nuqqas ta' ezekuzzjoni ta' l-imsemmija xogholijiet, dawn huma merament u unikament imputabbli lis-socjeta' attrici stess;
9. B'rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni oral tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Fis-26 ta' Gunju 1999, Classic Jewellers li jidher li hi *trade name* uzat mis-socjeta' attrici, Classic Group Ltd, li qabel kellha l-isem Goldkraft Ltd., harget tender, sabiex jigi suplit u istallat passenger lift fil-hanut gdid li kien se jinfetah bl-isem, Diamonds International, go 291, Republic Street, Valletta.[1] Dan il-lift ried jghaqqad flimkien is-

[1] Ara Dok PF 1 a fol. 28-55 tal-process.

seba' (7) sulari inkluz il-*basement* gewwa l-istess korp ta' bini komprizi, hwienet, ufficini u workshop.[2]

2. Is-socjeta' konvenuta, Panta Marketing and Services Ltd, giet maghzula ghall-ezekuzzjoni ta' din it-tender.

3. Il-lift kellu jigi stallat go xaft antik, ezistenti fil-bini in kwistjoni.

4. Skont il-klawzola 3.0 tat-tender, is-socjeta' konvenuta kellha r-responsabilita', *'...to carry out a survey of the lift shaft prior to tendering, and advice about any anomalies in the structure, modifications in the exisiting lift shaft door openings, recesses for door openings due to restricted lift shaft width, and other considerations at tendering stage ... ... Upon confirmation of order, the contractor shall submit dimensioned shaft drawings, indicating all the civil works modifications necessary for the proper installation of the lift and landing doors.'*[3] Is-socjeta' konvenuta ghamlet dan, kif xehed l-Inginier Victor Bonello ta' b.Nel Services Ltd,[4] konsulent tekniku tas-socjeta attrici.

5. Inoltre klawsola 5.1 tat-tender, kienet tistipola li *"Tenderers are to confirm all measurements on site as per Clause 3."* Fil-fatt, is-socjeta konvenuta kienet hadet dawn il-qisien.[5]

6. Is-socjeta konvenuta pprovdiet lift bl-isem *« Felesa »*, li ma kienx standard lift, imma lift ordnat precizament fuq il-qisien li kienu ttiehdu mis-socjeta konvenuta.[6]

7. L-istallazzjoni ta' dan il-lift tat diversi problemi teknici, li mhux necessarju li din il-Qorti toqghod telenkhom. Fil-qosor, is-socjeta attrici kienet qed tallega li s-socjeta konvenuta kienet hadet qisien hziena tax-xaft u kienet qed twahhlu hazin, filwaqt li s-socjeta konvenuta kienet qed tallega li x-xaft ma kienx jiflah ghal-lift.

---

[2] Ara affidavit ta' Paul Fenech a fol. 20 ta' dan il-process.
[3] Ara Dok PF 1 a fol. 33 tal-process.
[4] Ara Dok VB a fol. 92 u 93 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Paul Fenech a fol. 21 tal-process.
[6] Ara Dok VB a fol. 94 tal-process.

8. Fit-23 ta' April 2002, il-partijiet, fil-prezenza tal-avukati rispettivi taghhom, iddecidew li jitqabbad perit indipendenti, cioe il-Perit Prof. Alex Torpiano, halli jiddetermina jekk fil-fatt il-hsara kienetx gejja kagun tal-kostruzzjoni tax-xaft tal-lift.[7]

9. Fir-rapport tieghu tat-2 ta' Mejju 2002, il-Perit Prof. Alex Torpiano ikkonkluda hekk: '*...although the masonary shaft does not have the normal qualities that one would expect from a lift shaft, the fixings that have been adopted appear to be performing satisfactorily. I can see no signs of damage to the fixings, or to the masonary in the vicinity of the fixings. I therefore cannot see what structural advice I can give in order to solve your problem.*
*In the trips up and down the lift, however, it was very clear that the vertical alignment of the guide rails is not what it should be. I do not know how well the car guide rails were aligned after the fixings were replaced, or after they were repaired. However, I see no reason why, if the rails are well aligned that lift should not work well.'*[8]

10. Fil-15 ta' Mejju 2002, Carmel Vella, Managing Director tas-socjeta konvenuta, kiteb lil Paul Fenech, bhala Managing Director ta' Classic Jewellers, fejn b'riferenza ghar-rapport tal-Perit Prof. Alex Torpiano, qal hekk: *"We suggest that we meet to finalise the action to be taken by both our companies and mutually reach an agreement."*[9] Paul Fenech huwa wkoll direttur tas-socjeta attrici.[10]

11. Din il-laqgha saret fid-29 ta' Mejju 2002 fl-ufficini tal-avukat difensur tas-socjeta konvenuta u fil-prezenza tal-avukati rispettivi tal-partijiet. Ghas-socjeta attrici, kien hemm prezenti Paul Fenech u Karl Micallef, filwaqt li ghas-socjeta attrici kien hemm prezenti Albert Attard.[11] Il-minuti gew redatti mill-avukat difensur tas-socjeta konvenuta, Dottor Georg Sapiano, *di proprio pugno*. Pero ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-kontenut ta' dawn il-minuti, ghalkemm ma gew iffirmati minn hadd mill-partijiet jew l-avukati rispettivi taghhom.

12. Dawn il-minuti jghidu hekk:

[7] Ara l-affidavit ta' Paul Fenech a fol. 22 tal-process.
[8] Ara Dok PF 2 a fol. 57 tal-process.
[9] Ara Dok PF3 a fol. 23 tal-process.
[10] Ara l-affidavit ta' Paul Fenech a fol. 20 tal-process.
[11] Ara affidavit ta' Karl Micallef ezebit bhala Dok KM a fol. 86 tal-process.

*"It was agreed that:*

*(i) Panta was to issue two quotations: One with respect to the remedial works in the existing lift – Felesa, the other with respect to a replacement being a Schindler.*

*(ii) Classic would then decide whether to repair or to replace the current lift.*

*(iii) In the event that the lift is altered and that the same continues to function without any significant problems for a period of three months, the parties will agree on the manner of settlement of alteration works; failing such satisfactory operation Classic may return the Felesa to Panta and is free to replace it with any product of its choice.*

*(iv) With respect to the outstanding balance of LM4,500 owed by Classic to Panta, this will be settled as follows:*

*(A) (i) 50% immediate upon commissioning/ordering of alteration works in existing Felesa lift,*

*(ii) and said balance will be settled upon determination of the three month period described above;*

*OR*

*(B) (iii) As part of the payment of the new Schindler lift, which payment will be adjusted and effected in the light of the dues existing at the time between the parties as to the monies owed by Panta to Classic for the Felesa lift, which the former binds itself to remove and receive, and the monies owed by Classic to Panta for the Schindler lift ordered by the same as described above."*[12]

13. Fis-26 ta' Gunju 2002, Albert Attard, managing director tas-socjeta konvenuta, kiteb lil Paul Fenech ghas-socjeta, fejn irreferieh ghal-laqgha li saret fl-ufficju ta' Dottor Sapiano, li x-xogholijiet rimedjali li riedu jsiru fuq il-lift Felesa kienu jammontaw ghal LM 1378 u x-xoghol kellu jsir fi zmien hdax (11)-il gurnata. Huwa kompla jghid hekk: *"As agreed during the meeting 50% of the outstanding amount on your account will be settled prior to commencement of the works, and the 50% balance will be*

[12] Ara Dok PF 4 a fol. 59-60 tal-process.

*settled upon completion of the works. Payment for the cost of works will be at your discretion."*[13]

14. Peress li s-socjeta attrici kienet qed tikkontempla li l-lift Felesa jigi rimpjazzat b'lift gdid tad-ditta Schindler kif kienu jghidu l-minuti tal-laqgha tad-29 ta' Mejju 2002, saru diversi skambji ta' ittri bejn is-socjetajiet kontendenti f'dan ir-rigward.

15. Fit-28 t'April 2002, l-avukat difensur tas-socjeta attrici kiteb lis-socjeta konvenuta fejn, b'riferenza ghall-ittra taghhom tas-26 ta' Gunju 2002, informahom, li s-socjeta attrici kienet formalment qed taghzel li l-lift Felesa jigi riparat mis-socjeta konvenuta, skont il-ftehim kontenut fil-minuti tal-laqgha tad-29 ta' Mejju 2002. Huwa informahom ukoll, illi malli jkollu l-konferma taghhom, is-socjeta attrici kienet se thallasha 50% mill-ammont dovut ta' LM4,500.

16. B'ittra tat-13 ta' Mejju 2003, l-avukat difensur tas-socjeta konvenuta kiteb lil-legali tas-socjeta attrici li qatt ma kien intlahaq xi ftehim li s-socjeta konvenuta tirripara l-lift Felesa, imma sempliciment ittiehdu minuti ta' dak li ntqal fil-laqgha tad-29 ta' Mejju 2002. In oltre huwa interpella lis-socjeta attrici thallas lis-socjeta konvenuta s-somma ta' LM3,520.84, ghal xogholijiet li saru fuq il-lift Felesa, u ghal xogholijiet ohra li ma humiex mertu ta' dawn il-proceduri.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti se tikkunsidra l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta konvenuta u imbaghad se tikkonsidra l-meritu.

[13] Ara Dok PF 5 a fol. 61 tal-process.

*<u>L-Ewwel Eccezzjoni – Nuqqas ta' Kompetenza Rationae Materiae u Ratione Valoris</u>*

Preliminarjament is-socjeta' konvenuta ssollevat l-eccezzjoni tal-kompetenza rationae materiae stante illi skond hi, it-talba bhal dik dedotta mis-socjeta attrici fil-kawza odjerna hija unikament kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Is-socjeta konvenuta ma tantx dehret konvinta minn l-eccezzjoni taghha ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae*, tant li la ghamlet sottomissjonijiet fir-rigward bil-miktub u lanqas orali. Pero la darba s-socjeta konvenuta ma rtiratx din l-eccezzjoni, din il-Qorti trid tikkunsidra u tiddeciedi din l-eccezzjoni.

Illi l-Artikolu 47 tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk:

*"(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad, tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċentezmu (€11,646.87), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta.*

*(2) Dik il-qorti tiddeċiedi wkoll il-kawzi l-oħra kollha li l-liġi espressament tħalli għaliha.*

*(3) Izda l-kawzi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, pizijiet jew drittijiet oħra mgħaqqdin mal-beni immobbli, inkluza kull talba għal zgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli, kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħodu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta)."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Axiaq vs. Luigi Cassar et**, deciza fit-28 ta' Frar 1997, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) irrieniet hekk: *"Il-Qorti ma tarax kif l-appellant jista' jsostni s-sottomissjoni generika li "l-Qrati inferjuri ma ghandhomx kompetenza li jirrizolvu kuntratti." Din il-limitazzjoni bl-ebda mod ma hi bazata fil-ligi. Certament fil-limiti tal-kompetenza taghhom kif stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-qrati inferjuri huma hielsa li jissindakaw kemm il-validita tal-kuntratti, kif ukoll jekk jokkorrux ragunijiet sabiex jiggustifikaw ir-risoluzzjoni taghhom."* (ara wkoll fl-istess sens is-sentenza

fl-ismijiet **Paul Borg et vs Jane Vassallo**, deciza fil-15 ta' Dicembru 2003, mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri).[14]

It-talba tas-socjeta attrici hija bbazata fuq allegat ksur ta' ftehim kontrattwali min-naha tas-socjeta konvenuta, u allura, jekk ma tezorbitax il-kompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris,* it-talba attrici ma taqax fl-eskluzjonijiet tal-kompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae*, kif elenkati fl-Artikolu 47(3), u konsegwentement, din il-Qorti hija kompetenti *ratione materiae* li tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna.

Konsegwentement, din l-ewwel eccezzjoni qieghda tigi michuda.

*<u>It-Tieni Eccezzjoni – Nuqqas ta' Kompetenza Ratione Valoris</u>*

Dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris*, is-socjeta konvenuta qieghda tissottometti illi la darba mill-ittra mibghuta mis-socjeta konvenuta fis-26 ta' Gunju 2002,[15] li x-xogholijiet biex jigi rimedjat il-lift in kwistjoni kienu ammontaw ghas-somma ta' LM1,378.00, allura l-kompetenza *ratione valoris* sabiex tisma' din il-vertenza hija dik tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Muscat vs Tasika Auto Limited**, deciza fis-16 ta' Settembru 2004, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[16] irriteniet hekk :
*« Fil-kaz hawn trattat, in vista tal-eccezzjoni tal-konvenut, id-dibattitu quddiem dan it-Tribunal ma huwiex sejjer ikun izolat u limitat biss ghall-bilanc reklamat mill-atturi imma l-kwestjoni kollha ta' bilfors, ope exceptiones, tigi deciza fl-isfond tan-negozju intier u cioe jekk l-attur adempiex l-obbligazzjoni tieghu li jezegwixxi x-xoghol skond is-sengha u l-arti. Li jfisser li in-negozju guridiku kollu intervenut bejn il-partijiet kien jehtieg jigi approfondit u mhux biss il-bilanc li l-atturi dehrilhom illi kien ghadu dovut. « Dan ghalhekk ifisser illi l-kontestazzjoni kienet tezorbita mill-kompetenza guridika assenjata bil-ligi mit-Tribunal Talbiet Zghar. (***Antonia Attard Gialanze vs Rita Borg***, Appell, 23 ta' Frar 2001 ;* ***Joseph Cassar vs Air Malta Co. Ltd.***, *Appell, 22 ta' Novembru 1996)»*

[14] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[15] Esebita bhala Dok PF5 a fol. 61 tal-process.
[16] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Kif diga inghad, it-talba tas-socjeta attrici hija bbazata fuq il-premessa li s-socjeta attrici kisret il-ftehim maghmul maghha. Inoltre, fl-avviz, is-socjeta attrici talbet li is-socjeta' konvenuta tigi kkundata, '*... … tesegwixxi a spejjez tieghek dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali necessarji fil-'passenger lift' tal-marka Felesa ... …'*. Ghalhekk it-talba tas-socjeta attrici m'hix semplici *money claim*, u konsegwentement tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar.

Konsegwentement, din it-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta qieghda tigi michuda.

*It-Tielet Eccezzjoni – Intempestivita tal-Azzjoni*

Fit-tielet lok, is-socjeta konvenuta qieghda teccepixxi l-intempestivita tal-azzjoni stante n-nuqqas assolut ta' interpellazzjoni qabel giet intavolata l-kawza odjerna.

Din l-eccezzjoni la giet trattata mis-socjeta konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u lanqas fit-trattazzjoni orali. Is-socjeta konvenuta ma ddikjaratx abbazi ta' liema disposizzjoni tal-ligi qieghda tippretendi illi kellu jkun hemm interpellazzjoni sabiex din il-kawza bejn zewg socjetajiet kummercjali, tigi validament intavolata. Il-Qorti tirrakkomanda li l-partijiet ghandhom jippruvaw jilhqu ftehim bonarju, qabel jintavolaw proceduri gudizzjarji – kif fil-fatt il-partijiet odjerni pruvaw jaghmlu qabel gew intavolati dawn il-proceduri. Pero fejn il-ligi riedet li jkun hemm interpellazzjoni gudizzjarja qabel jigu intavolati l-proceduri, dan qalitu espressament – ara per ezempju l-Artikolu 460 tal-Kodici ta' Procedura Civili. F'dan il-kaz ma hemm l-ebda disposizzjoni simili applikabbli ghall-fattispecje tal-kaz odjern, u ghalhekk din l-eccezzjoni hija legalment insostenibbli.

Konsegwentement din it-tielet eccezzjoni qieghda tigi michuda.

*Ir-Raba' Eccezzjoni – Ma tezisti l-ebda Rabta Guridika bejn il-Partijiet*

Fir-raba' eccezzjoni taghha, is-socjeta konvenuta eccepiet li ma tezisti l-ebda rabta guridika bejn il-kontendenti u ghalhekk is-socjeta attrici m'hijiex il-legittima kontradittrici. Is-socjeta

konvenuta mhix tikkontesta li hija ffirmat it-*tendering documents* sabiex jigi stallat lift ghand *Classic Jewellers, Republic Street,* Valletta. Pero hija tissottometti li la s-socjeta attrici u lanqas is-socjeta Goldkraft Limited, ma jissemmew fit-*tendering documents.*

Issa t-*tendering documents* ghal lift hargitu s-socjeta b.Nel Services Ltd, bhala konsulenti tal-klijent taghha Mr. Paul Fenech, *Classic Jewellers*, 293, Republic Street, Valletta.[17] Skond ix-xhieda ta' Paul Fenech dan l-indirizz huwa wkoll l-indirizz tal-ufficcju registrat tas-socjeta attrici. Skond it-*tendering documents,* l-istallazzjoni tal-lift kellha ssir ghand *Classic Jewellers, Republic Street, Valletta.*[18]

Dan nonostante, fid-diversi korrispondenza li skambjata bejn is-socjetajiet kontendenti u/jew il-legali taghhom, kienu indirizzati lil diversi trade names u kumpaniji fosthom Classic Jewellers,[19] Diamonds International Ltd[20], Goldkraft Ltd,[21] Classic Group.[22] Il-Qorti m'ghandiex dubbju li t-trade name *Classic Jewellers* kienet tappartjeni lil Goldkraft Limited kif jirrizulta mill-ittra ezebita bhala Dok PF9, fejn fil-letterhead tal-ittra datata 22 ta' Ottubru 2002 mibghuta mis-socjeta' attrici hemm it-trade name *Classic Jewellers* u fl-indirizz taghha hemm l-isem: Goldkraft Ltd, 293, Republic Street Valletta.[23] La darba mix-xhieda mhux kontradetta ta' Paul Fenech, managing director tas-socjeta attrici, u ta' Karl Micallef, direttur tas-socjeta attrici[24] Classic Group Limited kien qabel jisimha Goldkraft Limited, mela Classic Group Limited hija propjetarja tat-*trade name Classic Jewellers.*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta konvenuta tissottometti li Karl Micallef ma pprezenta l-ebda dokument li jindika t-tibdil fl-isem tas-socjeta taghha hu direttur minn Goldkraft Limited, ghal Classic Group Limited. Ghalkemm dan certament kien ikun deziderabbli, is-socjeta konvenuta kienet rinfaccata bix-xhieda guramentata ta' Karl Micallef u ta' Paul Fenech, li kien sar dan it-tibdil fl-isem. Fid-dawl ta' din ix-xhieda, kien jispetta lis-

[17] Ara Dok PF1 a fol. 29 tal-process.
[18] Ara Dok PF1 a fol 29 u 30 tal-process.
[19] Ara Dok PF 3 a fol. 58 tal-process; Ara Dok PF 4 a fol. 59 tal-process; Ara Dok PF 7 a fol. 63 tal-process; Ara Dok PF 8 a fol. 66 tal-process; Ara Dok PF 9 a fol. 67 tal-process; Ara Dok PF 10 a fol. 68 tal-process
[20] Ara Dok PF 5 a fol. 61 tal-process.
[21] Ara Dok PF 6 a fol. 62 tal-process.; Ara Dok PF 12 a fol. 70 tal-process; Ara Dok PF 14 a fol. 73 tal-process; Ara Dok PF 16 a fol. 75 tal-process, Ara Dok PF 17 a fol. 76 tal-process.
[22] Ara Dok PF 11 a fol. 69 tal-process.
[23] Ara Dok PF 9 a fol. 67 tal-process.
[24] Ara affidavit ta' Karl Micallef a fol. 86 tal-process.

socjeta konvenuta li tressaq provi, bhax-xhieda tar-Registratur tal-Kumpaniji, jekk riedet ixxejjen ix-xhieda ta' Micallef u Fenech – haga li m'ghamlitx.

Dan ifisser li tezisti rabta guridika bejn is-socjetajiet kontendenti, u s-socjeta attrici hija l-legittimu kontradittur tas-socjeta attrici.

Fid-dawl tas-suespost, din ir-raba' ecccezzjoni tas-socjeta konvenuta qieghda tigi michuda.

*Il-Hames Eccezzjoni – Ma jezisti l-ebda ftehim datat 29 ta' Mejju 2002.*

Fil-hames eccezzjoni konvenuta taghha, is-socjeta konvenuta tissottometti illi ma jezisti l-ebda ftehim datat 29 ta' Mejju, 2002.

L-inkontru tad-29 ta' Mejju 2002 sar wara li l-Perit Prof. Torpiano – imqabbad bhala perit indipendenti miz-zewg kontendenti – kien ghamel rapport fejn wasal ghal konkluzjoni li ma kienx hemm difetti fil-kostruzzjoni tax-xaft tal-lift, izda kien hemm difetti fl-istallazzjoni tal-lift. Kif jirrizulta mid-Dokument PF3, wara li s-socjeta konvenuta irceviet ir-rapport tal-Perit Prof. Torpiano, hija kitbet lis-socjeta attrici u b'riferenza ghal dan l-istess rapport, qalet hekk *"We suggest that we meet to finalise the action to be taken by both our companies and mutually reach agreement."*[25] Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta konvenuta issottometta li l-partijiet riedu li l-ftehim isir bil-miktub u ghamel riferenza ghall-Artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc li jippreskrivi illi *"Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità."* Pero, din is-sottomissjoni tal-abbli difensur tas-socjeta konvenuta ma ssibx il-konfort taghha fil-provi. L-ittra tghid li l-partijiet ghandhom jiltaqghu biex *"mutually reach agreement"* – imkien m'hemm indikat f'din l-ittra li l-ftehim kellu jsir bil-miktub u lanqas ingiebet xi prova ohra li xi wahda mill-partijiet riedet li l-ftehim isir bil-miktub. Ghalhekk l-Artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc mhux applikabbli ghal kaz odjern, u ma hemm l-ebda disposizzjoni ohra tal-ligi li tezigi li ftehim bhalma riedu jilhqu l-kontendenti f'din il-kawza ried isir bil-miktub *ad validitatem.* Ghalhekk il-ftehim kien ikun wiehed validu anki kieku sar verbalment.

[25] Ara ittra tal-15 ta' Mejju 2002 a fol. 58 tal-process.

F'din il-laqgha ittiehdu l-minuti minn Dottor Georg Sapiano, l-avukat difensur tas-socjeta konvenuta, u dawn il-minuti jibdew biex jghidu: *"It was agreed that ... ..."* u imbaghad ikomplu kif fuq citati. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li dawn kienu l-minuti tal-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet fil-prezenza u bl-ghajnuna tal-avukati rispettivi taghhom, anke jekk dawn il-minuti ma gew iffirmati minn hadd.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta konvenuta jissottometti li ghalkemm f'din il-laqgha kien hemm prezenti l-avukati difensuri tas-socjetajiet rispettivi, u rapprezentanti tas-socjetajiet kontendenti, ma kienx hemm prezenti persuni li kellhom ir-rapprezentanza legali tas-socjetajiet kontendenti. Issa mix-xhieda mhux kontradetta ta' Karl Micallef,[26] apparti l-avukati tal-partijiet, kien hemm prezenti hu u Paul Fenech ghas-socjeta attrici u Albert Attard ghas-socjeta konvenuta. Dak iz-zmien Karl Micallef kellu l-kariga ta' Marketing & IT Manager tas-socjeta attrici fil-waqt li Paul Fenech kien Managing Director tas-socjeta attrici. Albert Attard kien ukoll Managing Director tas-socjeta konvenuta.[27] Huwa vera li ma ngab l-ebda dokument sabiex jipprova li dawn il-persuni gew moghtija r-rapprezentanza legali ufficcjali mis-socjetajiet rispettivi li maghhom kienu jahdmu.

Pero mill-provi jirrizulta li l-persuni kollha li kienu qieghdin jirrapprezentaw is-socjetajiet rispettivi taghhom kienu kollha appuntati *managers* tas-socjetajiet rispettivi taghhom. L-Artikolu 57 tal-Kodici tal-Kummerc jippreskrivi illi: *"L-institur hu dak li jiġi inkarigat, personalment u fil-fiss, mill-kummerċ jew minn linja ta' kummerċ tal-prinċipal f'post jew f'postijiet partikolari."* Ghalhekk jirrizulta li l-persuni jirrapprezentaw is-socjetajiet kontendenti fil-laqgha tad-29 ta' Mejju 2009 kienu kollha istituturi ai terimini tal-Kodici tal-Kummerc.

L-Artikolu 59 tal-Kodici tal-Kummerc ikompli jghid hekk:

*"(1) L-inkarigu mogħti lil wieħed biex jaġixxi ta' institur jista' jkun espress jew taċitu.*

*(2) Fl-ewwel każ, jekk il-prinċipal ikun irid jagħmel limiti għas-setgħat mogħtija lill-institur b'mod li titnissel preżunzjoni li dawk il-limiti huma magħrufa mit-terzi, hu għandu jippreżenta fil-qorti l-waħda jew l-oħra msemmija fl-artikolu 55 nota li turi ħaġa b'ħaġa*

[26] Ara affidavit ta' Karl Micallef a fol. 86 tal-process.
[27] Ara Dok PF 5 a fol. 61 tal-process.

*x'inhuma dawk il-limiti kollha u jfittex li dik in-nota tiġi mwaħħla fil-Borża tal-Kummerċ u maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra, jekk jista' jkun kummerċjali.*

*(3) Fit-tieni każ, l-inkarigu mogħti lil wieħed biex jaġixxi ta' institur jitqies, għal quddiem it-terzi, li hu ġenerali u li fih jidħlu l-atti kollha li jagħmlu ma' l-eżerċizzju tal-kummerċ u li huma meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kummerċ jew tal-linja ta' kummerċ li għalihom ikun ġie mogħti lilu dak l-inkarigu, jekk il-prinċipal ma jippruvax li t-terzi kienu jafu bil-limiti ta' dak l-inkarigu fiż-żmien li għaqqdu n-negozju."*

L-Artikolu 60 tal-Kodici tal-Kummerc jippreskrivi illi: *"Il-prinċipal hu responsabbli għall-egħmil tal-institur u għall-obbligazzjonijiet li dan ikkuntratta fil-limiti tal-kummerċ jew tal-linja ta' kummerċ li jkunu ġew imħollija f'idejh."* Is-socjeta konvenuta ma gabet l-ebda prova li l-managers prezenti ghal din il-laqgha, kellhom xi limitazzjoni f'dak li jistghu jghamlu fl-ambitu tal-kompitu taghhom.[28]

Inoltre, wiehed ma jridx jinsa li prezenti ghal din il-laqgha kien hemm l-avukati difensuri tal-partijiet – fil-fatt huma jissemmew fil-minuti u r-rapprezentanti tas-socjetajiet kontendenti ma jissemmewx. Issa kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Maureen Scicluna v. Dr. Anthony P. Farrugia**, deciza fis-6 t'April 2005 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[29], *"... ... (H)i gurisprudenza pacifika illi r-rapport li jghaddi bejn klijent u l-avukat jew il-prokuratur legali li jqabbad ghall-affarijiet tieghu gudizzjarji huwa dak ta' mandat. Ara Kollez. Vol. XXIX P I p 617. Jitnissel minn dan illi l-inkarigu konferit lill-professjonista jimplika fil-mandatarju l-poter li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghall-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu li jkun irceva (Kollez. Vol. XXIX P II p 968; Vol. XLI P I p 572; "Avv. Dr. Louis Vella et -vs- Direttur tal-Lottu Pubbliku", Appell, 8 ta' Mejju 2000);".* Issa mix-xhieda ta' Dottor Kevin Dingli, l-avukat difensur tas-socjeta attrici, li *"L-iskop ta' din il-laqgha kien, kif jirrizulta car minn dik l-ittra, sabiex jintlahaq ftehim. Fil-fatt intlahaq ftehim skond il-minuti. Fil-fatt hemm imnizzel fl-istess minuti, "It was agreed that" bil-kundizzjonijiet miftiehma."*[30]

Mis-suespost huwa car li l-iskop ta' din il-laqgha kien li jintlahaq ftehim bejn il-partijiet biex isolvu l-pendenzi ta' bejniethom, u mill-minuti redatti minn Dottor Georg Sapiano jirrizulta li

---

[28] Ara b'analogija is-sentenza fl-ismijiet **Martin Degiorgio noe vs Joseph Grima noe.** Deciza fit-12 ta' Frar 1996, mill-Qorti tal-Appell.
[29] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[30] Ara xhieda ta' Dottor Kevin Dingli a fol. 104-105 tal-process.

ftehim effettivament intlahaq tant li l-istess minuti jghidu *"It was agreed that"* u mbaghad gew elenkati l-kundizzjonijiet miftiehma, kif fuq citati. Fost dawn il-kundizzjonijiet kien hemm wahda li tghid li s-socjeta konvenuta kellha tati stima lis-socjeta attrici tax-xogholijiet rimedjali li kienu necessarji li jsiru lil-lift Felesa.

Fil-fatt fis-26 ta' Gunju 2002, is-socjeta' konvenuta bghatet ittra fejn ghamlet referenza ghall-laqgha tad-29 ta' Mejju 2002 u fejn qalet hekk:

*"Further to our meeting at Dr. Sapiano's office, we propose to carry out the following works on the Felesa lift: ... ...*

*The works outlined above are estimated to take 11 days and will cost Lm1378.00.*

*<u>As agreed during the meeting</u>, 50% of the outstanding amount on your account will be settled prior to commencement of the works, and the 50 % balance will be settled upon the completion of works. Payment for the cost of works will be at your discretion. Please confirm acceptance of this proposal."*[31] (sottolinear ta' din il-Qorti). Din l-ittra giet segwita b'numru konsiderevoli ta' korrispondenza li kollha kieku jirriflettu l-ftehim kontenut fil-minuti tal-laqgha tad-29 ta' Mejju 2009.

Huwa veru li s-socjeta' attrici ma qablitx mill-ewwel mal-proposta fl-ittra tas-26 ta' Gunju 2002, ghax kienet qieghda skond l-istess ftehim tikkonsidra li tixtri u tinstalla lift Schindler. Imma ladarba kien hemm ftehim bejn il-kontendenti u la darba s-socjeta' attrici accettat li jsiru x-xoghlijiet rimedjali hekk kif gew iddettaljati fl-ittra konvenuta tas-26 ta' Gunju 2002 u dana permezz ta' l-ittra taghhom ddatata 28 ta' April 2003,[32] is-socjeta' konvenuta certament ma kinietx legalment korretta li fl-ittra taghha tat-13 ta' Mejju 2003[33] tghid li ma kien hemm l-ebda ftehim bejn is-socjetajiet kontendenti li jsiru x-xogholijiet rimedjali fuq il-lift Felesa, u li tirrifjuta li taghmel dawn ix-xogholijiet. Dan apparti li b'din l-ittra is-socjeta' konvenuta qeghda tikkontradixxi lilha nnifisha, peress li fl-ittra taghha ddatata 26 ta' Gunju 2002 hija stess qalet li kien hemm laqgha fid-29 ta' Mejju 2002 u tat stima tax-xogholijiet rimedjali li kienet lesta li taghmel fuq il-lift Felesa.

---

[31] Ara Dok PF 5 a fol. 61 tal-process.
[32] Ara Dok PF 17 a fol. 76 tal-process.
[33] Ara Dok PF 18 a fol. 79 tal-process.

Fid-dawl ta-suespost, din il-Qorti ma tistax tara kif tista' tilqa' din l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.

*Is-Sitt Eccezzjoni*

F'din l-eccezzjoni, is-socjeta konvenuta tissottometti li s-socjeta attrici hija debitrici tas-socjeta konvenuta ghal somma verjuri minn dik ekwivalenti ghall-prezz tal-allegati xogholijiet mertu ta' din il-kawza.

Din l-eccezzjoni hija rrelevanti ghal fini tal-proceduri odjerni, stante li ma saret l-ebda kontro-talba mis-socjeta konvenuta f'dawn il-proceduri. Minflok, is-socjeta konvenuta ghazlet li tintavola kawza separata.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tastjeni li tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni.

*Is-Seba' Eccezzjoni*

Is-socjeta konvenuta teccepixxi wkoll, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti li x-xoghol sar sew u skond is-sengha u l-arti u fuq struzzjonijiet tas-socjeta attrici stess.

Din l-eccezzjoni hija fattwalment skorretta anke biss in vista tal-konkluzjonijiet tal-Perit Prof. Torpiano – perit indipendenti imqabbad mis-socjetajiet kontendenti.

Pero fi kwalunkwe kaz, din l-eccezzjoni hija rrelevanti ghall-proceduri odjerni, stante li t-talba attrici hija msejsa fuq il-ftehim tad-29 ta' Mejju 2002 u l-ksur tieghu da parti tas-socjeta konvenuta.

Konsegwentement, din il-Qorti qieghda tichad din l-eccezzjoni.

*It-Tminn Eccezzjoni*

Fl-ahharnett, is-socjeta konvenuta eccepiet li minghajr pregudizzju ghall-premess, hija dejjem kienet disposta bhala sinjal ta' buona volonta illi teffettwa xi xogholijiet fil-lift mertu ta' din il-kawza, u jekk gew sofferti xi danni minhabba nuqqas ta' ezekuzzjoni ta' l-imsemmija xogholijiet, dawn huma merament u unikament imputabbli lis-socjeta attrici.

Din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda ghall-istess ragunijiet moghtija fil-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fl-eccezzjoni precedenti.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt eccezzjoni tas-socjeta konvenuta;
2. tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tas-socjeta konvenuta;
3. tordna lis-socjeta konvenuta sabiex fi zmien hmistax (15)- il gurnata mil-lum tesegwixxi a spejjez taghha dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali necessarji fil-'passenger lift' tal-marka "Felesa" minnha mibjugha lis-socjeta' attrici u istallat fl-istabbiliment tal-istess socjeta' attrici "Diamonds International", 291 Republic Street, Valletta, partikolarment skond kif tali xogholijiet rimedjali kienu gew minnha identifikati u ndikati fl-ittra datata 26 ta' Gunju, 2002 (Dok. "X"), annessa mal-avviz f'dawn il-proceduri, mibghuta lis-socjeta' attrici, in segwitu ghall-ftehim milhuq bejn is-socjeta' konvenuta u bejn l-istess socjeta' attrici fid-29 ta' Mejju, 2002, ghal liema ftehim hemm riferenza fl-imsemmija ittra, sabiex l-imsemmi 'passenger lift' ikun jista' jiffunzjona skond kif intiz, u dan taht id-direzzjoni u s-supervizzjoni tal-Perit Professur Alex Torpiano;
4. u f'kaz is-socjeta konvenuta tonqos li taghmel dawn ix-xogholijiet fiz-zmien lilha prefiss, il-Qorti qed tawtorizza lis-socjeta' attrici tesegwixxi l-istess xogholijiet rimedjali hija stess, taht id-direzzjoni u s-supervizzjoni tal-Perit Professur Alex Torpiano, a spejjes tas-socjeta' konvenuta;

5. u dan b'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lis-socjeta' attrici kontra s-socjeta' konvenuta naxxenti mill-imsemmi ftehim tad-29 ta' Mejju, 2002 u b'mod partikolari ghad-dritt tas-socjeta' attrici li tirritorna l-'passenger lift' odjern lis-socjeta' konvenuta f'kaz illi l-istess 'passenger lift' ma jibqax jopera minghjar problemi sinifikanti tul l-ewwel tliet xhur wara li jkunu gew esegwiti r-riparazzjonijiet mehtiega.
6. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**